Kunsill Lokali Ħal Balzan

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 55

Data tal-laqgħa: 14 ta' Diċembru 2022

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Dr Angelo Micallef – Sindku
Mary Louise Briffa – Viċi Sindku
Stephen Gatt - Kunsillier
Andrè Grech – Kunsillier
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku, Dr Angelo Micallef ippresjeda l-laqgħa.

## 55.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

55.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 55.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

55.2.1 Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-Minuti ta' Laqgħa Nru. 54. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

**F'dan il-ħin (5.15pm) daħal il-Kunsillier Andrè Grech għal-laqgħa.**

55.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Kunsillier Stephen Gatt, li kienet issekondata mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano, il-minuti ġew approvati.

## 55.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

55.3.1 <u>Para 54.3.1 - Ħsara fil-katusi tad-drenaġġ ta' dar fi Triq il-Kbira</u>
Is-sid ġie nfurmat li l-Kunsill mhux responsabbli u s-sid ma bagħat l-ebda risposta.

55.3.2 <u>Para 54.3.2 – GoTo *reserved parking bays*</u>
Dwar it-tneħħija tal-GOTO *reserved parking bays*, is-SE infurmat li għadna qed nistennew direzzjoni minn TM. Dwar iċ-*charging pillar* tal-pjazza, is-SE infurmat li tneħħiet mill-Aġenzija tal-Enerġija u l-Ilma għax kienet bil-ħsara u ser jkunu qed jinstallaw waħda ġdida fil-ġranet li ġejjin.

55.3.3 <u>Para 54.3.3 – Kwotazzjonijiet għax-xiri ta' *power wash*</u>
Is-SE infurmat li qed tistenna *feedback* mingħand is-*suppliers*.

55.3.4 <u>Para 54.3.5 - Taxi stand quddiem il-Corinthia</u>
Is-SE infurmat li għadna qed nistennew risposta minn TM.

55.3.5 <u>Para 54.3.6 - Ismijiet ta' toroq</u>
Is-Sindku infurma li għad iridu jintbagħatu l-ittri lir-residenti tat-toroq ikkonċernati.

55.3.6 <u>Para 54.3.7 - Trinka fi Vjal De Paule</u>
Is-Sindku se jibgħat *reminder* lis-Sur Ivan Falzon (IM) peress lix-xogħol baqa' ma sarx.

55.3.7 <u>Para 54.4.1 - Dawl fi Triq B. Bontadini</u>
Il-Kunsill kiteb lill-kuntrattur biex issir il-bozza l-ġdida u ser tintbagħat *reminder*.

55.3.8 <u>Para 54.4.3 - *Reverse Vending Machines*</u>
Is-SE infurmat li dalgħodu bagħtet *reminder* lill-BCRS u għadna qed nistennew risposta.

55.3.9 <u>Para 54.10 - Proġett ta' *embellishment* fi Triq il-Qarċilla</u>
Is-SE infurmat lis-sejħa għall-offerti ħarġet u ser tagħlaq fis-6 ta' Jannar 2023.

55.3.10 <u>Para 54.12 - *E-scooter parking*</u>
Is-SE infurmat li qed nistennew il-permess minn TM.

**F'dan il-ħin (4.25pm) daħlet il-Viċi Sindku Mary Louise Briffa għal-laqgħa.**

## 55.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

55.4.1 **Ġbir ta' skart**

Is-Sindku infurma li dalgħodu rċivejna l-iskeda l-ġdida tal-ġbir ta' skart li ser tibda fuq bażi Nazzjonali, mit-2 ta' Jannar 2023. Is-Sindku infurma wkoll li se ssir laqgħa bejn il-kuntrattur (l-istess li għandna preżentament), ir-Reġjun Tramuntana u l-Kunsill.

55.4.2 **Laqgħa mas-Sindku ta' Pedara**

Is-Sindku infurma ltaqa' mas-Sindku ta' Pedara li kien fuq btala hawn Malta, fejn ħa l-opportunità jsemmilu l-interess li kien wera l-Kunsill biex isir xi tip ta' kooperazzjoni bħal skambji kulturali bejn iż-żewġ lokalitajiet. Is-Sindku qal li deher interessat u ser ikun qed jagħmel kuntatt miegħu biex tiġi diskussa din il-possibbiltà.

## 55.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

55.5.1 Il-Kunsillier Andrè Grech staqsa fuq l-applikazzjoni tal-*Personalised Reserved Parking Bay*. Is-SE qalet li se nibgħatulu kopja tal-applikazzjoni.

## 55.6 Rapporti

55.6.1 **Estimi Finanzjarji *Draft* għas-sena 2023**

L-Estimi Finanzjarji *Draft* għas-sena 2023 tqiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. Is-Sindku u s-SE taw xi spjegazzjonijiet lill-Kunsilliera.

55.6.2 Fuq proposta tal-Kunsillier Stephen Gatt, li kien issekondat mill-Viċi Sindku Mary Louise Briffa, l-Estimi Finanzjarji Draft għas-sena 2023 ġie approvat unanimament. Is-SE ser tippreżenta kopja fil-*format* formali skont ir-regolamenti fil-laqgħa li jmiss.

## 55.7 Skemi Finanzjarji

55.7.1 **Għajnuna Finanzjarja mir-Reġjun Tramuntana – Libreriji**

Is-SE infurmat li qed iġib il-kwotazzjonijiet biex jinxtraw *e-readers* u *e-books*.

## 55.8 Vakanza ta' Skrivan (Skala 15)

55.8.1 Is-SE infurmat li l-Bord tal-Għażla ltaqa' nhar l-Erbgħa 30 ta' Novembru 2022, fejn saru l-intervisti.

55.8.2 Is-SE ressqet ir-rapport dwar il-proċess tal-għażla. Il-Kunsill unanimament approva lill-ewwel żewġ klassifikati u għalhekk se jaħtar lill-Jessica Cachia bħala skrivan *full-time (back-to-back* ma' Doriette Farrugia) u lill-Stephania Sparkes bħala skrivan *full-time* u se jibdew mill-1 ta' Jannar 2023.

## 55.9 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

55.9.1 **Talba biex issir *Communal Reserved Parking Bay***

Resident qed jissuġġerixxi li ssir *Communal Reserved Parking Bay* fi Vjal il-Bon Pastur k/m Triq Birbal għax li hemm f'dik iż-żona dejjem ikunu okkupati. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li napplikaw.

55.9.2 ***Convenant of Mayors***

Is-Sindku infurma li skond ir-Reġjun, il-Kunsill għadu membru fil-*Convenant of Mayors*. Kien hemm qbil li nitolbu lir-reġjun jivverifika dwar dan għax qatt ma ħallasna *memberships,* u nimxu minn hemm.

55.9.3.1 **Bankina – Triq San Franġisk**

Is-SE infurmat li TM qed jaqblu li hemm periklu u qed jissuġġerixxu li ssir bankina. Peress lit-triq dejqa, jekk issir bankina, jridu jitneħħew 6 *parking bays* minn faċċata.

55.9.3.2 Il-Kunsill iddiskuta u ġie nnutat li f'dik iż-żona hemm problema kritika ta' *parking.* Il-Kunsillier Andrè Grech issuġġerixxa li ssir bankina minn k/m Triq Birbal sa quddiem ir-residenza (minflok tul it-triq kollha), u b'hekk jintilfu 2 *parking bays* u mhux 6. Il-Kunsill approva u ser nitolbu permess lill-TM.

55.9.3.3 Se jiġi ċċekkjat ukoll ma' IM jekk dik il-parti tat-triq hix ser tkun qed issir mal-lista kkonfermata minnhom.

55.9.4 ***Talba għal sleeping policemen* fi Triq Birbal**
Resident, filwaqt li jinfurma li *sleeping policemen* joħolqu ħafna storbju, qed jitlob li jiġu installati aktar fi Triq Birbal. Il-Kunsill iddiskuta u rrimarka li skond il-*policy* li għandu l-Kunsill, ir-resident għandu jġib kunsens bil-miktub mir-residenti tal-madwar li qed jaċċettaw l-i*sleeping policeman* quddiemhom, biex napplikaw għall-permess ma' TM.

## 55.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

55.10.1 Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti nru. 11/22, li tinkludi l-ammont ta' €75.98c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Novembru 2022.

55.10.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Andrè Grech, li kien issekondat mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 55.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

55.11.1 Il-laqgħa ntemmet fil-5.15pm.

55.11.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 31 ta' Jannar 2023 fl-4.00pm.

Konfermati, illum it-Tlieta, 31 ta' Jannar 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Dr Angelo Micallef<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |